VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,487, 20 ta' Ottubru, 2015
Taqsima B

A.L. 337 tal-2015

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2015 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2013 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2015 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2013 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2013 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali, ippubblikati bħala Avviż Legali 42 tal-2013, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2015 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"4. (1) L-applikanti għall-qasam ta' studju tal-**Iġjene Dentali** li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali u speċjali għad-dħul fil-kors skont kif imniżżla fl-ordinamenti għall-kors għandhom ikunu magħzula minn fost l-applikanti eliġibbli kollha skont il-kategoriji li ġejjin, imniżżla fl-ordni tal-preferenza:

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-ewwel kategorija:	dawk bi gradi 'A' sa 'E' fil-Bioloġija fil-Livell Avvanzat
It-tieni kategorija:	dawk bi grad 'A' fil-Bioloġija fil-Livell Intermedju
It-tielet kategorija:	dawk bi grad 'B' fil-Bioloġija fil-Livell Intermedju
Ir-raba' kategorija:	dawk bi grad 'C' fil-Bioloġija fil-Livell Intermedju."

L-Emenda għall-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"5. (1) L-applikanti għall-qasam ta' studju tat-**Teknoloġija Dentali** li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali u speċjali għad-dħul fil-kors skont kif imniżżla fl-ordinamenti tal-kors għandhom ikunu magħzula minn fost l-applikanti eliġibbli kollha skont il-kategoriji li ġejjin, imniżżla fl-ordni tal-preferenza:

L-ewwel kategorija:	dawk bi gradi 'A' sa 'E' fil-Kimika fil-Livell Avvanzat
It-tieni kategorija:	dawk bi grad 'A' fil-Kimika fil-Livell Intermedju
It-tielet kategorija:	dawk bi grad 'B' fil-Kimika fil-Livell Intermedju
Ir-raba' kategorija:	dawk bi grad 'C' fil-Kimika fil-Livell Intermedju."

L-Emenda għall-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok l-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"7. Jekk l-għadd tal-applikanti eliġibbli li jaqgħu fi kwalunkwe kategorija tal-applikanti eliġibbli biex jidħlu fil-kors skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn l-ordinamenti jkun tali li n-numru totali tal-applikanti biex jidħlu jaqbeż l-għadd ta' postijiet stabbilit mis-Senat l-applikanti eliġibbli f'dik il-kategorija għandhom ikunu intervistati mill-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà maħtur mill-Bord sabiex jimtlew il-post jew il-postijiet li jifdal. Il-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà għandu jqis il-ħiliet ta' kapaċità, motivazzjoni u komunikazzjoni tal-applikanti. Il-Kumitat, li jista' jkun megħjun minn kwalunkwe espert li l-Kumitat iqis neċessarju waqt l-intervisti tal-għażla, għandu jissottometti rapport dettaljat inklużi r-rakkomandazzjonijiet finali tiegħu dwar l-għażla tal-applikanti lill-Bord għad-Dħul tal-Università."